MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 269/2012/1

**Christine Attard**

**v.**

**L-Avukat Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Sacha Guillaumier b'digriet tat-22 ta' April, 2013 gew mahtura bhala kuraturi deputati biex**

**jirrapprezentaw lil Aaron Paul Barber ta' nazzjonalita` Ingliza u assenti minn dawn il-Gzejjer**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenuti nomine minn sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li affdat lill-attrici bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla minuri, ordnat *inter alia* hekk:

> "3. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid taghha sallum fis-somma ta' tnejn u erbghin elf euro [€42,000];

> "4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' tlett mija u hamisn euro [€350] fix-xahar li tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjez konnessi mal-edukazzjoni u sahha tal-minuri. Il-manteniment hekk stipulat jibqa' jithallas anke wara li l-minuri taghlaq tmintax-il sena jekk tibqa' tistudja full time, f' liema eventwalita' l-manteniment jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq tlieta u ghoxrin sena…"

**<u>Il-Fatti</u>**

**2.** Il-fatti relevanti ghal dan l-appell kif jirrizultaw mill-affidavit tal-attrici, li ma giex kontradett, huma dawn.

**3.** Minn relazzjoni temporanja bejn il-partijiet li estendiet mis-sena 2001 sas-sena 2004 twieldet it-tifla Leah fis-27 ta' Settembru 2003. Fis-sena 2004 din ir-relazzjoni giet terminata, u l-konvenut qata' kull kuntatt minn ma' l-attrici, hlief ghal okkazzjoni wahda fejn talab l-access ghal bintu minuri, izda kif issemma l-obbligu tieghu biex jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintu, il-konvenut rega' qata' l-kuntatt minn ma' l-attrici.

**4.** Huwa qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment ta' bintu u kienet biss l-attrici waheda li rabbiet u ghamlet tajjeb ghall-ispejjez kollha biex tissodisfa l-htigijiet tal-minuri.

**<u>L-Appell</u>**

**5.** Dan hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li fin-nuqqas ta' provi dwar ix-xoghol u l-introjtu tal-konvenut, l-ewwel Qorti ma kellhiex tiffissa *arbitrio boni viri* l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghat-tifla minuri; wkoll ma kellhiex tiffissa manteniment arretrat dovut minnu ghal bintu; u [2] it-talba ghall-manteniment arretrat hija parzjalment kolpita bil-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-Artikolu 2516[f].

**6.** Ghaldaqstant il-konvenut b'rikors prezentat minnu fl-20 ta' Novembru 2013 qed jitlob li, ghar-ragunijiet hemm indikati, is-sentenza appellata tigi

varjata fit-termini tal-aggravji fuq indikati, u li l-ispejjez taz-zewg istanzi jigu addebitati lill-attrici. Min-naha taghha l-attrici b'risposta prezentata fid-19 ta' Gunju 2013 qed titlob li, ghar-ragunijiet hemm indikati, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut inkluz l-impozizzjoni tad-*doppio spese* kontra tieghu

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**7.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghall-appell odjern:

> "Peress li rrizulta li l-attrici sa mit-twelid taghha rabbiet waheda lill-minuri minghajr ebda kontribuzzjoni da parti tal-konvenut, hija gustifikata t-talba tal-attrici li titlob kumpens da parti tal-konvenut ghall-perijodu mit-twelid tat-tarbija sallum, oltre manteniment futur.
>
> "Ir-rata ta' manteniment li l-Qorti qed tiffissa arbitrio boni viri hija fis-somma ta' tlett mija u hamsin euro fix-xahar."

**<u>L-Aggravji</u>**

**8.** L-ewwel aggravju huwa fis-sens li, *"fin-nuqqas ta' prova konkreta u tangibbli"* u wkoll *"fl-assenza totali dwar almenu l-background socjali u/jew lavorattiv tal-assenti"* l-ewwel Qorti ma kellhiex tiffissa *arbitrio boni viri* l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, kemm dak arretrat kif ukoll dak futur.

**9.** Fir-rigward, din il-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici[1] :

**10.** Hu obbligu mpost fuq iz-zewg genituri li jikkontribwixxu ghall-manteniment ta' uliedhom, u sta ghalihom li jaghmlu dan mill-ahjar li jistghu b'dan li l-fatt li genitur ikun dizokkupat mhix skuza biex dak li jkun jahrab minn dan l-obbligu. Ir-rikonoxximent jew dikjarazzjoni ta' paternita` tiswa *quoad omnes* u tirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid. Il-genitur li jkun sostna wahdu lill-minuri fil-htigijiet tieghu ghandu dritt jigi rimborzat mill-genitur l-iehor ta' parti mill-ispejjez inkorsi ghall-minuri.

**11.** Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li fl-affidavit tal-attrici l-provi dwar l-mezzi taghha u tal-konvenut huma skarsi, izda mhux korrett il-konvenut fis-sottomissjoni tieghu li hemm "assenza totali"

[1] App.S 257/2006 **Romina Xerri v. Elvin Magri**, deciza fis-27 ta' Frar 2009 ; ara wkoll App.S 1211/2000 **Graziella Decesare v. John Bonnici**, deciza 25 Novembru 2011

ta’ provi fir-rigward. Fil-fatt mill-istess affidavit jirrizulta li l-konvenut kien jahdem bhala *chef* u kien jispicca mix-xoghol ghal habta tal-11.00 pm[2].

**12.** L-attrici tghid ukoll li “tul il-kwazi ghaxar snin minn mindu twieldet it-tifla tieghi jiena dejjem hadt hsiebha wahdi, hallast ghal kulma kellha bzonn wahdi, dejjem hadt hsieb f’dak li ghandu x’jaqsam mas-sahha u edukazzjoni wahdi u sa minn twelidha [il-konvenut] qatt ma ha l-ebda interess f’binti qisha lanqas hija tieghu.”[3]

**13.** Dawn il-fatti ma jsibux kuntrast fil-provi.

**14.** Din il-Qorti tosserva li l-fatt li fiz-zmien meta r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet kienet ghadha vigenti l-konvenut kien jahdem bhala *chef*, fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-konvenut baqa’ u ghadu jahdem bhala *chef* u jiggenera introjtu adegwat u regolari. Ghaldaqstant fil-konfront tieghu kien u ghadu jissussisti l-obbligu tieghu *qua* genitur li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ bintu, jekk mhux billi jiehu sehem attiv fit-trobbija taghha, almenu b’kontribut finanzjarju.

**15.** Inoltre, il-fatt li kif stqarret l-attrici huwa kien jghix hajja xellerata billi jabbuza mix-xorb alkoholiku, jiggerra man-nisa u jiddejjen, huma fatturi li,

---
[2] Fol.40
[3] Fol.41

ghalkemm idghajjfu lill-konvenut finanzjarjament, izda mill-banda l-ohra ma jimminawx u ma jdghajjfux l-obbligu legali tieghu ta' genitur li jfittex u jzomm impieg regolari sabiex ikun fil-pozizzjoni lil jmantni lil bintu.

**16.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat lill-konvenut jhallas lill-attrici manteniment mensili ghat-tifla minuri.

**17.** Rigward il-*quantum* tal-manteniment futur ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) ordnat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis dan l-ammont bhala xieraq u adegwat tenut kont li hu fatt notorju li s-sengha ta' *chef* tirrendi introjtu tajjeb, u ghalhekk il-konvenut bir-rieda necessarja u bl-ghaqal dovut ghandu potenzjal li jiggenera introjtu tajjeb li bih jkun jista' jonora l-obbligu tieghu tal-manteniment fl-ammont stabbilit mill-ewwel Qorti, flimkien ma' nofs l-ispejjez konnessi mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-minuri. Dan japplika b'izjed qawwa fid-dawl tal-konsiderazzjoni li mill-atti processwali ma jirrizultax li l-konvenut huwa mizzewweg u/jew ghandu tfal ohra x'imantni; u dan ghal kuntrarju tal-attrici li llum hija mizzewga u ghandha tifla fiz-zwieg.

**18.** Rigward il-kaz **Josephine Tawerghi v. Dr.Anthony Cutajar noe**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti tal-Familja, citat mill-konvenut in sostenn tat-tezi tieghu dwar in-nuqqas ta' provi dwar dan l-aspett tal-kawza

odjerna, din il-Qorti tosserva li dak il-kaz huwa sostanzjalment differenti mill-kaz in dizamina, ghal zewg ragunijiet.

**19.** Fl-ewwel lok, il-manteniment mitlub f'dak il-kaz ma kienx dovut ghal xi tfal minuri izda ghall-attrici ghaliha, persuna adulta, u ghalhekkk kienu japplikaw konsiderazzjonijiet ohra, bhal, per ezempju l-kapacita` tal-attrici bhala konjugi li tahdem u tiggenera introjtu hija stess ghal ghejxien taghha.

**20.** Fit-tieni lok, f'dak il-kaz ma jirrizultax li kien hemm xi element ta' prova li fuqu dik il-Qorti setghet tasal *arbitrio boni viri* ghal komputazzjoni tal-*quantum* tal-manteniment mitlub, mentri fil-kaz odjern hemm il-prova li l-konvenut kien jahdem, u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, jitqies li ghadu jahdem. Dan l-aggravju huwa ghalhekk infondat.

*It-tieni aggravju*

**21.** Dan jirreferi ghall-*quantum* tal-manteniment arretrat komputat mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €42,000, u hu fis-sens li parti minn dan l-ammont jinsab kolpit bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156 [f] tal-Kap.12, stante li l-komputazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti tirrizali ghad-data tat-twelid tat-tifla.

**22.** L-attrici tirribatti hekk ghal dan l-aggravju:

> "… … il-manteniment tal-minuri ma jaqax bil-preskrizzjoni fis-sens illi minuri ghandu jkun kostrett ma jiekolx u ma jkollux saqaf taht rasu (sic) ghaliex missieru jistahba u ma jistax jinstab. Donnu l-appellant nesa' illi l-preskrizzjoni ma tghaddix "bejn il-genitur u t-tifel that is-setgha tal-genitur" …ai termini tal-Artikolu 2123[b] tal-Kap.16.."

**23.** Din il-Qorti tosserva li tassew li kif jghid l-artikolu fuq citat il-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-wild u l-genitur li ghandu s-setgha ta' genitur fuqu, izda dan ma japplikax ghall-kaz odjern, stante li dak pretiz mill-attrici, bhala manteniment arretrat, huwa fil-fatt hlas dovut lilha mill-konvenut, talli hi hallset waheda ghall-bzonnijiet tat-tifla. Fil-fatt dak li qed titlob l-attrici hija rifuzjoni ta' sehem il-konvenut mill-flus li harget hi sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu. Ghalhekk ir-relazzjoni guridika issa mhijiex bejn il-konvenut u bintu, izda bejnu u bejn l-attrici f'isimha proprju.

**24.** B'applikazzjoni tal-premess it-talba attrici fir-rigward, tinsab milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat fid-9 ta' Novembru 2012 lura b'hames snin, u cioe` mit-8 ta' Novembru 2007 sad-data tas-sentenza defenittiva, u allura l-ammont dovut mill-konvenut lill-attrici bhala rifuzjoni ta' manteniment arretrat ghandu jkun ta' tletin elf, erba' mija u hamsin Euro (€30,450).[4]

[4] €350 x 12 [xhur] x 7 snin [mit-8/11/2007 sat-8/11/2014] =€29,400 + [3 xhur x €350 = €1,050] = €30,450

**25.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat u ser jigi milqugh limitatament.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tal-konvenut limitatament, u tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn iddecidiet li *“Tillikwida l-ammont ta’ kumpens li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid taghha sallum fis-somma ta’ tnejn u erbghin elf euro [€42,000]”* u, minflok, tiffissa l-ammont dovut fis-somma ta’ tletin elf, erba’ mija u hamsin Euro (€30,450), riferribbilment ghall-perjodu li jestendi mit-8 ta’ Novembru 2007 sat-8 ta’ Frar 2015.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jigu sopportati inkwantu ghal tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] jibqa’ a karigu tal-attrici. L-ispejjez dovuti lill-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------